MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 532/15LM

**Mario u Carmela konjuġi Camilleri**
**(K.I. 0455763M u 0318762M rispettivament)**

***vs.***

**Robert Azzopardi (K.I. 0424276M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-2 ta' Ġunju, 2015 mill-atturi **Mario u Carmela Camilleri** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Mario Camilleri, li jgħid kif ġej:

*<u>Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża</u>*

*1. Illi l-esponent Mario Camilleri fit-12 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta tas-sebgħa ta' fil-għaxija (7 PM) kien għaddej bħala pedestrian minn Triq l-Isqof F.S. Caruana, l-Imsida.*

*2. Illi fl-istess data, lok u ħin il-konvenut, filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Opel bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW 371, minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daħal ġol-esponent Mario Camilleri bir-riżultat li l-istess esponent safa midrub serjament;*

*3. Illi b'konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi l-esponent Mario Camilleri sofra, qed isofri u se jibqa' jsofri danni, hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi għalhekk l-attur ġie li sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans bħala konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi, għal liema danni jaħti unikament u esklussivament il-konvenut;*

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

*1. Illi l-konvenut interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponenti, baqa' inadempjenti;*

*2. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.*

*<u>Talba</u>*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:*

1. *TIDDIKJARA li l-inċident fuq imsemmi tat-12 ta' Lulju, 2013 ġewwa Triq l-Isqof F.S. Caruana, l-Imsida, okkorra unikament u esklussivament tort u ħtija tal-konvenut;*

2. *TIDDIKJARA, għalhekk, lill-konvenut bħala responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent Mario Camilleri bħala konsegwenza tal-inċident stradali suddett;*

3. *TILLIKWIDA, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-esponent Mario Camilleri konsistenti f'dawk id-danni ġia attwalment sofferti (damnum emergens) u f'dawk id-danni li jista' jsofri fil-futur fil-forma ta' lucrum cessans bħala konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi;*

4. *TIKKUNDANNA lill-konvenut iħallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata fit-tielet talba, rappreżentanti d-danni sofferti minnhom bħala konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-inċident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Robert Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Lulju, 2015, li biha eċċepixxa:

1. *Illi għall-inċident inkwistjoni ma kienx jaħti l-intimat Robert Azzopardi.*
2. *Illi l-inċident in mertu seħħ minħabba l-fatt li r-rikorrenti Mario Camilleri qasam it-triq b'mod inkonsult u kien dan il-fatt li wassal għall-inċident li huwa kellu mal-intimat.*
3. *Illi għal kull buon fini jrid jiġi pruvat li r-rikorrent weġġa' tort ta' dan l-inċident u mhux minħabba xi pre-existing condition li seta' kellu.*
4. *Għalhekk it-talbiet attriċi kif diretti fil-konfront tal-intimat għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*
5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016 fejn fuq talba tal-partijiet għall-ħatra ta' espert mediku, ġie maħtur Mr Jason Zammit bħala espert mediku biex jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq is-saħħa tal-attur Mario Camilleri u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità premanenti u f'liema grad.

Rat ir-rapport tal-espert mediku, il-kirurgu ortopediku Jason Zammit.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta’ Ġunju, 2017, liema trattazzjoni ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku. F’dik l-udjenza l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża hija dwar inċident stradali fejn l-attur Mario Camilleri qed jikkontendi li ġie mtajjar minn vettura misjuqa mill-konvenut Robert Azzopardi meta dan kien qed jirriversja filwaqt li l-attur kien qed jaqsam Triq l-Isqof F.S. Caruana, l-Imsida għall-ħabta tas-sebgħa ta’ filgħaxija, fit-12 ta’ Lulju, 2013. L-attur qiegħed għalhekk jitlob lill-konvenut iħallsu d-danni sofferti minnu b’konsegwenza tal-imsemmi inċident, inkluż id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans.* Il-konvenut min-naħa tiegħu jsostni li hu kien fil-vettura tiegħu wieqfa meta seħħ l-inċident, liema inċident skont il-konvenut seħħ unikament minħabba li Mario Camilleri kien fis-sakra u baqa’ dieħel ġol-karozza tiegħu u waqa’.

## Provi u riżultanzi

L-attur **Mario Camilleri**, xehed[1] li dakinhar tal-inċident hu kien barra ħdejn il-ħanut tiegħu tal-ħaxix fi Triq l-Isqof F.S. Caruana l-Imsida meta ra lil ċertu Joseph Saliba li kien ilu ma jarah, u li kien fuq il-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq, u beda jkellmu. L-attur jgħid illi biex ikun jista' jkellem lil Saliba aħjar, kien se jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq. Kienet nieżla karozza u ħallieha tgħaddi u beda jaqsam u kif wasal f'nofs it-triq, l-istess karozza reġġgħet b'lura għal fuqu, sakemm telgħet fuq siequ x-xellugija. L-attur jgħid li Joseph Saliba beda jgħajjat max-xufier, il-konvenut, biex iwaqqaf, iżda x-xufier baqa' tiela' b'lura sakemm waqqa' lill-attur taħt il-karozza. L-attur Mario Camilleri spiċċa mal-art b'uġigħ kbir f'idu u f'siequ. Wara ġiet l-ambulanza li ħaditu l-isptar.

In kontroeżami[2] l-attur jgħid li Triq l-Isqof F.S. Caruana hija *one-way* u għalhekk qabel qasam ħares biss 'il fuq, minn fejn jinżlu l-karozzi. Ma rax lill-konvenut jirriversja għax ġie fuqu għal għarrieda. Saliba li kien faċċata tiegħu n-naħa l-oħra tat-triq, beda jgħajjat mal-konvenut biex isuq 'l quddiem. L-attur jgħid ukoll li meta l-konvenut irriversja, siequ ix-xellugija nqabdet taħt ir-rota.

L-attriċi, **Carmela Camilleri**[3] kkonfermat li dakinhar tal-inċident f'xis-sebgħa ta' filgħaxija kienu ser jagħlqu l-ħanut u r-raġel tagħha Mario Camilleri kien barra l-ħanut jitħaddet ma' Joseph Saliba li kien ilu ma jarah, li kien fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Kienet nieżla karozza sewda u wara li għaddiet ir-raġel tagħha ddeċieda li jaqsam it-triq biex imur ħdejn Joseph Saliba u kif kien qed jaqsam,

---

[1] Ara affidavit *a fol.* 71.
[2] *A fol.* 73 sa 80 tal-proċess.
[3] *A fol.* 26.

dik il-karozza li kienet għadha kif għaddiet, telgħet bir-*reverse* għal fuqu. Joseph Saliba beda jgħajjat biex ix-xufier, il-konvenut, jieqaf u meta lir-raġel tagħha nqabditlu siequ taħt ir-rota tal-karozza, kemm hi u hemm Saliba bdew jgħajtu biex il-konvenut iwaqqaf. Il-konvenut ħareġ mill-karozza biex jara x'ġara u hi qaltlu biex jersaq 'il quddiem għax kien qed jirfes sieq ir-raġel tagħha. Wara tellgħu lil żewġha fuq il-bankina u l-konvenut daħal magħha l-ħanut biex iċemplu l-ambulanza.

L-attriċi tgħid li wara rrappurtat kollox lill-Pulizija u esebiet vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Robert Azzopardi**[4], minn fejn jirriżulta li l-konvenut instab ħati li tajjar lil żewġha l-attur, u ġie kkundannat iħallas multa ta' €300. Dan wara li l-imsemmija Qorti, rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, min-naħa waħda l-verżjoni tal-imputat li sostna li huwa kien wieqaf meta l-parti ċivili, l-attur odjern, waqa' u min-naħa l-oħra il-verżjoni tal-parti ċivili, li kkontenda li l-imputat irriversja u laqtu, sabet il-verżjoni tal-parti ċivili l-aktar waħda kredibbli anke minħabba li kienet ikkorroborata minn xhieda ta' terza persuna.

Il-kuntistabbli PC 7 **Maurizio Agius**[5] esebixxa r-rapport tal-Pulizija[6] dwar dan l-inċident. Dan ma kienx il-kuntistabbli tal-pulizija li xehed fil-kawża kriminali, li kien is-Surġent Baldacchino, PS 297 li kien ukoll ħareġ l-akkużi. Ix-xhud jispjega li lill-attur qatt ma kellmu għax dan kien dam ġranet l-isptar mhux f'pożizzjoni li jitħaddet. Ix-xhud jgħid li l-mara tal-vittma, kif jirriżulta mir-rapport, irrapportat l-inċident fil-15 ta' Lulju, 2013. Ix-xhud jgħid li l-attriċi ma

[4] *A fol.* 27 u 28 tal-proċess, liema sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hi datata 06.03.2015. Fuq akkuża tal-Pulizija kontra l-konvenut odjern dwar l-istess inċident *de quo,* il-konvenut kien instab ħati li b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-attur odjern u involontarjament ikkaġunalu offiżi ta' natura gravi kif iċċertifikat minn Dr Robert Chircop.

[5] *A fol.* 38 sa 42.

[6] *A fol.* 43 sa 47.

rrappurtatx qabel l-inċident lill-Pulizija għax ippretendiet li kienu ser jirrappurtaw tal-ambulanza. Ix-xhud jgħid li meta wara kellem ukoll lill-konvenut, dan sostna li ma kienx għamel rapport lill-Pulizija għax kellu l-mara tiegħu l-isptar. Ix-xhud jgħid li kien ikkonferma mal-*Control Room* li dakinhar ma kellhom ebda talba għall-assistenza tal-ambulanza, però wara vverifika li fil-fatt l-attur kien iddaħħal l-Isptar Mater Dei b'ambulanza u kellu ġrieħi gravi.

Skont ir-rapport tal-Pulizija, jirriżulta li Carmela Camilleri meta għamlet ir-rapport stqarret li r-raġel tagħha kien intlaqat bil-vettura tal-konvenut u li r-raġel tagħha kien għadu l-Isptar fis-sala ortopedika nru 1 taħt l-osservanza tat-Tabib Chircop. Skont l-istess rapport tal-Pulizija, meta l-pulizija kellmu lill-konvenut dan stqarr:

> "Jiena ħriġt fis-19.00 hrs nhar il-15/07/2013 mill-garaxx San Alwiġi, Msida u tlajt għal omm il-mara f'dik it-triq l-Isqof F.S. Caruana u pparkjat quddiem garaxx fejn omm il-mara. Kienet diġà qed tistennini barra u qasam dan ir-raġel minn ġewwa l-ħanut u ngħid li dan ir-raġel ma jiflaħx għax il-ħin kollu fis-sakra u li kellu riħa ta' xorb u daħal ġol-karozza huwa u miexi u jien kont wieqaf. Dan kien waqa', imtela bid-demm u qbadtu u għamiltu fuq il-bankina fejn kellimt lill-mara tiegħu li kienet fil-ħanut sabiex iċċempel l-ambulanza."

Fir-rapport tal-Pulizija jingħad ukoll li l-konvenut stqarr li omm il-mara tiegħu ma ratx l-inċident iseħħ. Fl-istess rapport jingħad ukoll li fis-16 ta' Lulju mar ukoll l-għassa Joseph Saliba biex jirrapporta li ra l-inċident, fejn qal li l-attur kien quddiem il-ħanut tiegħu u huma sellmu lil xulxin min-naħa l-oħra tat-triq. Joseph Saliba qal li Mario Camilleri pprova jaqsam bejn żewġ karozzi li kienu neżlin meta l-karozza ta' quddiem irriversjat fuq l-attur u kellu jkun hu li ġibed l-attenzjoni tal-xufier, il-konvenut, biex jieqaf, għax dan ma kienx rah lill-attur.

Skont ir-rapport tal-Pulizija, Saliba qal li r-rota tal-vettura telgħet fuq is-swaba ta' waħda minn saqajn l-attur u dan spiċċa waqa' bid-daqqa. Wara hu u l-mara tal-attur ħarġuh minn taħt il-karozza u għenuh biex jitla' fuq il-bankina. Saliba stqarr mal-Pulizija li huwa kien qal lill-konvenut diversi drabi biex imur jagħmel rapport l-għassa u dan qallu li kellu l-mara l-isptar. Saliba jgħid li mart l-attur ċemplet għall-ambulanza mill-ħanut quddiem l-istess konvenut u wara xi għaxar minuti waslet l-ambulanza. Skont ir-rapport tal-Pulizija, Saliba kien ipprova jagħti l-verżjoni tiegħu lin-*nurse* tal-ambulanza, però din qaltlu li l-verżjoni jiħduha mingħand il-vittma.

Huwa u jixhed quddiem il-Qorti **Joseph Saliba**[7] jgħid li lill-konvenut jafu bħala ġar għax kellu ħanut tal-ħaxix fejn kien joqgħod hu. Ix-xhud jgħid li dakinhar tal-inċident, kien mar jiċċekkja l-posta d-dar tiegħu li llum hi mikrija, u faċċata tiegħu ra lill-attur quddiem il-ħanut tiegħu. Ix-xhud jgħid li t-triq hi pjuttost dejqa u ra karozza nieżla donnha qed tfittex biex tipparkja u kif niżlet waqfet. Fejn kien ix-xhud hemm garaxx u l-konvenut irriversja għal quddiem dan il-garaxx u laqat lill-attur. Saliba jgħid li hu ħabbat mal-ħġieġa tal-karozza u lill-konvenut qallu li kien għaffeġ bniedem. Il-konvenut ħareġ mill-karozza u ħarġet ukoll il-mara tal-attur mill-ħanut. Wara hu għen lill-attur għal fuq il-bankina u l-konvenut daħal fil-ħanut mal-mara tal-attur biex iċemplu għall-ambulanza. Joseph Saliba jgħid li waqt li kienu qegħdin jistennew l-ambulanza, lill-konvenut qallu li kien qed iħabbatlu fuq it-tieqa biex jieqaf, u dan wieġbu "ma indunajtx" u qallu "Santa Ħniena xi ġrali, kont sejjer l-isptar biex nara lill-mara."

[7] *A fol.* 54 sa 56.

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenut kien għadu kif niżel it-triq bil-mod minn quddiem l-attur biex ifittex parkeġġ u l-attur qasam it-triq. Meta l-konvenut irriversja fuq l-attur, ix-xhud Joseph Saliba jgħid li ma rahx b'għajnejh jagħfġu, iżda ra lill-konvenut jolqot lill-attur bil-karozza u ra lill-attur nieżel wara l-karozza.

In kontroeżami Joseph Saliba[8] jikkonferma li hu kien fuq il-lemin tal-bankina hekk kif niżlet il-vettura tal-konvenut u din waqfet f'salt u rriversjat malajr. Qal li t-triq għalkemm *one-way* hi traffikuża għax tagħti għall-*main street* ħdejn Arcidiacono, l-Imsida. Saliba jgħid li kif l-attur ta żewġ passi fit-triq, l-konvenut irriversja u laqtu bix-xellug tal-karozza. Mistoqsi x'għamel il-konvenut meta ix-xhud ħabbattlu fuq it-tieqa biex jattiralu l-attenzjoni li laqat persuna, ix-xhud jgħid li l-konvenut għall-ewwel kien iktar iffukat li sab post fejn jipparkja, però imbagħad jaħseb li fehemu għax waqaf.

Min-naħa tiegħu l-konvenut **Robert Azzopardi**[9] xehed li dakinhar tal-inċident kien sejjer jiġbor lil omm il-mara li tgħix fl-istess triq fejn ġara l-inċident, biex wara jmorru jaraw lill-mara tiegħu li kienet l-isptar għax kellha *thrombosis* f'idha. Huwa kien qed imur regolarment l-isptar. Dakinhar sab parkeġġ quddiem garaxx faċċata tal-ħanut tal-attur u kien diġà ipparkjat meta ra wieħed qed jieħu l-posta minn ġo *letter-box* u sejjaħlu minn ġot-tieqa u qallu biex ma jersaqx lura għax kien waqa' raġel warajh. Il-konvenut jgħid li ħareġ mill-karozza u ra raġel bid-demm u kellu għajnejh ħomor u kellu riħa ta' xorb fuqu. Il-konvenut qal li dan il-bniedem beda jgħajjat għal martu u l-konvenut mar jgħid lill-mara tiegħu li kienet fil-ħanut. Robert Azzopardi qal li wara ġabar

[8] *A fol.* 100 sa 106.
[9] *A fol.* 85 sa 89.

lill-omm il-mara u din qaltlu li Mario Camilleri kellu kundizzjoni ta' xorb. Dawn baqgħu sejrin l-isptar biex jieħu xi affarijiet lill-mara. Wara tlett ijiem ikkuntattjawh il-Pulizija.

Il-konvenut qal li irriversja biex jipparkja u lill-attur ma kienx rah. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-konvenut jgħid[10] li hu kien diġà wieqaf bil-*handbrake* mgħolli iżda kien ħalla l-karozza mixgħulha għax kien qed jistenna fiha. Il-konvenut isemmi l-persuna li ħabbatlu mal-ħġieġa biex jinfurmah bir-raġel li kien warajh u qallu biex ma jiġix lura u jgħid testwalment "eżatt għax jiena naf li kieku ma kienx hemm dan ir-raġel kont niġi lura. Hu ġibidli l-attenzjoni li waqa' dan ir-raġel." Ix-xhud jgħid li wara ġabar lil omm il-mara li kienet qed tistennieh aktar 'il fuq u spjega li meta wasal hu, omm il-mara kienet għadha ma ħarġitx mid-dar tagħha.

In kontroeżami l-konvenut jgħid[11] li kienu għaddew bejn tlieta u erbgħa sekondi minn meta ipparkja għal meta ħabbattlu fuq il-ħġieġa r-raġel li qallu li kien waqa' bniedem warajh. Il-konvenut jinnega li xi ħadd kien għajjatlu biex jieqaf u jgħid li l-persuna li sab wara l-karozza tiegħu sabha wiċċha 'l fuq, mill-irkoppa 'l fuq fuq il-bankina u mill-irkoppa 'l isfel fit-triq. Skont il-konvenut kulma kellu l-attur kien ftit tad-demm mal-irkoppa. Il-konvenut jgħid li kien dam fuq il-post tal-inċident xi nofs siegħa wara li hu kien ħareġ mill-karozza.

Il-konvenut iżid jgħid li meta ipparkja quddiem il-garaxx, ipparkja bil-mod u qabel ħares fil-mera. Robert Azzopardi jgħid ukoll li ma sema' ebda ħabta u lill-attur sabu fuq in-naħa tal-lemin u dan ma kienx qasam min-naħa l-oħra tat-

---

[10] *A fol.* 88.
[11] *A fol.* 89 sa 93 u 107 sa 111.

triq. Il-konvenut jinsisti li hu informa lill-mara tal-attur b'li kien ġralu r-raġel tagħha għax mar il-ħanut tagħhom u sabha wara l-bank tal-ħanut. Il-konvenut jgħid li ma kienx irrapporta l-inċident lill-Pulizija għax hu ma kien laqat lill-ħadd u mistoqsi jekk il-ġrieħi li ra fuq l-attur kinux kompatibbli ma' sempliċi waqgħa, jgħid li kulma kellu l-attur kienet ċarċira demm fuq l-irkoppa u l-minkeb u xamm li kellu fuqu riħa ta' xorb.

L-atturi ppreżentaw ċertifikat mediku tal-kirurgu Mr Raymond Gatt[12] datat 23 ta' Diċembru, 2013 li ċċertifika li l-attur kellu tmienja fil-mija (8%) diżabilità fiżika minħabba l-inċident mertu ta' din il-kawża. Fuq talba tal-partijiet il-Qorti ħatret bħala espert mediku lill-konsulent tal-ortopedija u trawmatoloġija **Mr Jason Zammit,** li fir-rapport tiegħu[13] spjega kif l-attur ġie operat fuq il-ġenb fl-14 ta' Lulju, 2013 u l-polz tal-lemin tqiegħed fil-ġibs. L-attur kien stqarr mal-espert mediku li fil-jum tal-inċident l-attur kien xorob kwart ta' flixkun inbid fl-erbgħa ta' wara nofsinhar u kien ħa tazza inbid oħra fis-sitta. L-attur stqarr ukoll illi dak iż-żmien il-medja tax-xorb tiegħu kienet nofs flixkun inbid u sitt grokkijiet ta' *alcohol* kuljum. L-attur spjega wkoll li kien ġie rilaxxjat mill-isptar fid-19 ta' Awwissu, 2013 u dam jimxi bi *frame* għal xahar u wara uża bastun sal-aħħar tas-sena 2013.

L-espert mediku jgħid li l-attur kien qallu li wara li tneħħilu l-ġibs baqa' jħoss xi għebusija fil-polz, kellu uġigħ regolari f'dahru u naqqset il-kapaċità tiegħu li jerfa' oġġetti. L-attur qal lill-espert mediku li kien jaqbdu bugħawwieġ regolari f'siequ l-leminija u ma kienx jista' jimxi aktar minn 20 jew 30 minuta kuljum għax juġgħu ġenbu.

[12] *A fol.* 29.
[13] *A fol.* 58 sa 61.

Minn eżami fiżiku li sar mill-espert mediku fuq l-attur, irriżulta li:

> "**Polz Lemin:** Devjazzjoni radjali fis-sit tal-ksur. L-ebda sinjal ta' nefħa u moviment normali. *Contracture* tat-tip imsejjaħ "*Dupyutren"* fis-sebgħa iż-żgħir.
>
> **Ġenb lemin:** Flessjoni 80 grad. Tidwir estern 15-il grad u tidwir intern 10 gradi. Estenzjoni 15-il grad. Ferita kirurġika mfejqa sew ta' tnax il-ċentimetru.
>
> **Dahar:** Flessjoni sal-irkoppa, ugigħ ma' estensjoni minima. Tidwir normali u sinjali ta' *Waddell* negattivi.
>
> L-ebda sinjal ta' feriment ieħor."

Minn dan l-eżami fiżiku l-espert mediku kkonkluda li konsegwenza diretta tal-inċident, l-attur kellu diżabilità permanenti ta' 12%.

Meta l-attur Mario Camilleri xehed in kontroeżami, ġie kkonfrontat b'sitt ritratti[14] fejn huwa jidher qiegħed iħott xi ħxejjex mill-karozza tiegħu għal ġewwa l-ħanut, li però din il-Qorti ma tqisx li dan hu ta' xi rilevanza jew li dawn ir-ritratti b'xi mod juru li l-attur mhux tabilħaqq naqsitlu l-kapaċità li jerfa' u li ma kellux uġigħ jew li dan b'xi mod dan ixxejjen il-perċentwal ta' diżabilità kif riskontrata mill-espert mediku maħtur mill-Qorti, aktar u aktar meta ma ntalbitx l-eskussjoni tal-perit mediku mill-konvenut biex l-espert jiġi kkonfrontat b'dawk ir-ritratti u del resto l-konvenut ma talabx lanqas il-ħatra ta' periti perizjuri.

[14] *A fol.* 82, fejn jidher li l-attur iniżżel minn fuq vettura żewġ kaxxi bit-tadam, xi boroż mhux kbar ta' basal jew ħxejjex simili u ftit kaxxi oħrajn, li ma jidhrux li kienu ta' xi toqol kbir.

Dwar id-dħul mill-ħanut tal-ħaxix li kellu l-attur, ġie ppreżentat prospett tat-*turnover* li kellu dan il-ħanut[15], li ġie kkonfermat mill-*accountant* Richard Saliba[16] li jkompila l-prospett u li kien ilu l-*accountant* tal-attur għal xi ħames snin. Skont l-imsemmi prospett, il-ħanut tal-attur għas-sena 2012, is-sena l-aktar viċina qabel is-sena tal-inċident, kellu qligħ wara l-ispejjeż ta' €3,381.

Bħala danni diġà sofferti mill-attur, jirriżulta li l-attur kellu jassenti ruħu mill-ħanut għal seba' xhur, iżda f'dan il-perjodu l-ħanut kien jikrih għal €5 kuljum.[17]

Oltre dan, ġew esebiti żewġ irċevuti tal-*medical fees* tal-kirurgu ortopediku Mr Raymond Gatt fis-somma ta' €65-il waħda.[18]

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi peress li f'dawn il-proċeduri ġiet esebita mill-atturi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[19] proprju dwar l-inċident mertu ta' din il-kawża, irid jingħad illi kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[20]:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

[15] *A fol.* 30.
[16] Xhieda tiegħu *a fol.* 63 sa 65.
[17] *A fol.* 78.
[18] *A fol.* 29A u 29B, datati 30.09.2013 u 16.12.2013.
[19] Fejn kif fuq ingħad, il-konvenut instab ħati ta' sewqan negliġenti.
[20] P.A., 26.01.2001.

Wara kollox l-artikolu 6 tal-Kap. 9 jirrikonoxxi li att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Iżda fis-sentenza fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli**[21] jingħad illi:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale*".

Illi anki fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[22], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, irritjeniet li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provvediment kriminali", proprju għaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju għal esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-qorti kriminali fuq l-istess fatti. Imma f'dik is-sentenza il-Qorti enfasizzat ukoll illi s-sentenza kriminali kienet biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili trid tieħu konjizzjoni tagħhom.[23]

---

[21] Q.A., 31.05.2013.
[22] P.A., 28.01.2010.
[23] Ara wkoll f'dan is-sens, **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A. 30.04.2009.

Kwantu għall-grad tal-prova rikjesta fi proċeduri ċivili u proċeduri kriminali:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, Q.A. 25.02.1952).[24]

Fil-każ odjern, ġiet esebita s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li rritjeniet illi l-verżjoni tal-parti ċivili Mario Camilleri, l-attur odjern, bħala aktar verosimili u li kienet ikkorraborata minn xhieda ta' terza persuna, Joseph Saliba. Madankollu din il-Qorti mhijiex ser tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda ċertament sejra tagħti qis tagħha bħala waħda minn ħafna provi oħrajn li tressqu quddiem din il-Qorti.

Bħal din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-partijiet dijamettrikament opposti għal xulxin. Skont l-attur Mario Camilleri, hu ġie imtajjar mill-konvenut Robert Azzopardi meta dan kien qed jirriversja. Mill-banda l-oħra l-konvenut saħansitra nnega li laqat lill-attur u sostna li l-attur kien fis-sakra meta daħal fil-karozza tiegħu waqt li kienet ipparkjata

Rinfaċċjata b'dawn iż-żewġ versjonijiet totalment kontraposti għal xulxin, il-Qorti trid ta' bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal pereżempju l-konsistenza

[24] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, Q.A., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

fix-xhieda, il-verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi minn terzi persuni u anki l-preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant.

Illi meta ikun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[25] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[26]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Borg vs. Bartolo**:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn

[25] App. Inf. 25.06.1980.

[26] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** Appell Kummerċjali, 25.02.1952.

versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[27]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c.** ***noe vs*****. Victor Sammut**[28] irreteniet illi:

"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jeżisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-tezijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli[29]."

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella** ***pro et noe vs.*** **Richard Vella**[30] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu,

[27] **Carmelo Farrugia** ***vs.*** **Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[28] 02.06.2003.
[29] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D.** ***vs.*** **Bieb Bieb Limited** ***et.***, P.A., 09.12.2011.
[30] Q.A., 05.10.2001.

imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[31] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;
ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

[31] App. Inf., 12.04.2007.

> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Fl-aħħar nett fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[32] jingħad ukoll:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Applikati dawn il-prinċipji legali għall-kawża odjerna, din il-Qorti tqis bħala inverosimili l-verżjoni tal-konvenut li l-attur sofra d-danni li sofra għax laqat il-karozza tal-konvenut meta din kienet stazzjonarja. It-tip ta' feriti li ġarrab l-attur u l-kwantità ta' dmija li kellu fuqu, huma kompatibbli ma' daqqa kbira bħal daqqa ta' karozza u mhux sempliċi ħabta ta' bniedem ma' oġġett wieqaf. Ir-rapport tal-espert mediku Mr Jason Zammit jikkonstata li l-attur ġarrab

[32] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

ġrieħi gravi. Tali ġrieħi gravi mhux konsonanti ma' bniedem li jidħol f'oġġett stazzjonarju u jaqa' u nqas u nqas huma kompatibbli mal-aħħar verżjoni tal-konvenut, fejn qal li l-attur kien waqa' għax kien fis-sakra, u l-konvenut iddeduċa dan għax ma kien sema' ebda ħoss ta' ħabta.

Barra minn hekk hemm inkonsistenza kbira bejn dak li qal il-konvenut skont ir-rapport tal-Pulizija, għal dak li xehed il-konvenut quddiem din il-Qorti. Skont ir-rapport tal-Pulizija il-konvenut qal li meta wasal fit-triq fejn seħħ l-inċident, sab lil omm il-mara tistennieh barra, filwaqt li quddiem il-Qorti f'tentattiv biex jipprova jispjega għalfejn kellu jipparkja quddiem bieb ta' garaxx, fejn allegatament ħabat miegħu l-attur, il-konvenut jgħid li pparkja l-vettura tiegħu sakemm stenna lil omm il-mara toħroġ mid-dar tagħha.

Inoltre meta xehed quddiem il-Qorti, il-konvenut qal illi lill-attur ma kienx rah u nduna biss li dan kien wara l-karozza tiegħu meta indikalu dan ix-xhud Saliba. Il-konvenut jgħid li lill-attur sabu fuq il-bankina tal-lemin u li dan ma kienx ħareġ min-naħa l-oħra tat-triq. Iżda skont ir-rapport tal-Pulizija il-konvenut qal li l-attur ħareġ mill-ħanut fuq ix-xellug tiegħu, qasam it-triq u daħal fih.

Il-Qorti tqis illi l-ebda waħda mill-verżjonijiet li ħareġ bihom l-konvenut mhi kredibbli. Barra minn hekk il-verzjoni tal-atturi ġiet ikkorroborata min terza persuna li kien fuq il-post, Joseph Saliba, li saħansitra pprova jagħmel sinjal lill-konvenut biex l-inċident ma jispiċċax fi traġedja.

Il-Qorti hija moralment konvinta li d-dinamika tal-inċident seħħet kif ġej: il-konvenut kellu jiġbor lil omm il-mara minn fejn toqgħod u ċjoè t-triq fejn seħħ

l-inċident u kien aljenat jipprova jsib parkeġġ. Il-konvenut ma sabx lill-kunjata tistennieh barra t-triq u għalhekk kellu jipparkja sakemm jistennieha toħroġ. Il-fatt li quddiem il-Qorti il-konvenut jammetti li lill-attur ma kienx induna bih sakemm waqqfu Joseph Saliba, jindika li ma kienx qed iżomm *proper lookout* kif kellu jagħmel speċjalment meta kien qed jagħmel manuvra azzardata li jipparkja b'lura u tela' bir-*reverse wrong way* fi triq li hija one way. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid li qabel ma rriversja, ħares fil-mera u ma ra xejn. Il-Qorti tqis illi dan mhuwiex minnu għax allura l-attur kif spiċċa taħt il-vettura tal-konvenut. Il-Qorti hi konvinta li l-konvenut xħin sab post vojt fejn seta' jipparkja, il-prijorità tiegħu kienet li ma jitlifx dan l-ispazju vojt fejn seta' jipparkja. Il-konvenut meta ġie biex jirriversja ma ħax il-prekawzjonijiet li kellu jieħu, għax kien moħħu biss kif se jfittex jipparkja.

Wara li qieset mingħajr ebda eżitazzjoni l-verżjoni tal-atturi bħala dik l-aktar verosimili u attendibbli, il-Qorti trid tistabbilixxi mbagħad minn kellu responsabbilità għall-akkadut, jekk kienx il-konvenut waħdu jew inkella kienx ukoll l-attur li kkontribwixxa għall-akkadut apparti l-konvenut, u ċjoè jekk kienx hemm kontributorjietà min-naħa tal-attur ukoll. Għaldaqstant il-Qorti trid tqis dan l-aspett ta' responsabbilità ta' *proper lookout* kemm min-naħa tas-sewwieq ta' vettura u kemm min-naħa tal-*pedestrian,* in vista tal-fatt li l-attur ukoll ddikjara li meta qasam it-triq li kienet *one way,* ħares minn fejn suppost jiġu l-karozzi u ma ħarisx in-naħa t'isfel tat-triq u ma rax lill-konvenut qiegħed jirriversja.

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Ransley *et vs.* Edward Restall *et***[33] intqal:

> "Dwar il-*pedestrian* jingħad li dan għandu juża l-massimu prudenza meta jiġi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jgħidu hekk:
>
> "*20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
>
> *21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.*"

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura ġejja għax din ma taqax mis-sema.[34] Huwa wkoll fattur indikattiv tat-tort ta' *pedestrian* meta dan ikun għadu kif niżel il-bankina, għax jekk ikun kważi qasam it-triq allura d-*driver* ikollu possibbiltà kbira li jilħaq jarah. Li persuna tintlaqat viċin tal-bankina minfejn tibda taqsam, huwa indikattiv ta' distanza ravviċinata ħafna għall-karozza li ttajjarha.[35]

Fl-istess ħin is-sewwieq irid iżomm f'moħħu ċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferiċi. *Pedestrian* għandu dejjem ikun attent meta juża t-triq u jagħmel l-almu tiegħu biex jiġu evitati inċidenti, anke jekk għandu d-dritt favur tiegħu.[36] Fis-sentenza deċiza minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Micallef *vs.* Joseph Sammut**[37] ġie ritenut illi:

---

[33] P.A., 10.05.2005.
[34] **Peter Magro *vs.* Emanuel Grima**, P.A., 31.10.2012.
[35] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) fl-ismijiet **Micallef George *nomine vs.* Camenzuli Gordon,** 07.10.1997.
[36] Ara s-sentenzi **Formosa & Camilleri Ltd. *et noe vs.* Joseph Camenzuli**, P.A., 26.04.2001 u **Stefan Bonello *vs.* Carmelo Abela**, P.A., 21.10.2002.
[37] 28.06.2001.

> "irid jingħad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbligi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-oħra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-ġurista eminent Ingliż Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*.'"

Sentenza oħra dwar l-obbligi tal-utent tat-triq hija dik fl-ismijiet **Rita Calleja** ***vs.*** **Joseph Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta[38], fejn ingħad:

> "Jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluża u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza."

Dwar l-aspett tal-*proper lookout* fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Ciangura** ***vs.*** **Carmen German**[39] ingħad:

> "Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "*proper lookout*".

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm *proper lookout*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi** ***noe vs*****. Michelle Cassar**[40], ingħad li:

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu

[38] 05.10.1995.
[39] P.A., 03.07.2008.
[40] P.A., 06.11.1988.

> anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Ġie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver "to see what is in plain view"*[41] u li "min ma jarax li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper* lookout".[42]

Illi fi **Newhaus N.D. *vs*. Bastion Insurance Co. Ltd**[43] il-Qrati kienu rritenew illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Minn rassenja studjata tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Borg *vs.* Karl Jude Bonett**[44], jingħad:

> "Dan premess, minn eżami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, *per* Imħallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x'għandha tkun l-imġiba tas-sewwieq u tal-*pedestrian*, *qua* utenti tat-triq:
>
> (1) "*Driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian*. Il-każ li fih id-*driver* jista' jkun eżentat mir-responsabilità hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b' xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'oħra

[41] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[42] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[43] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.
[44] App. Inf., 10.10.2005 *per* Imħallef Philip Sciberras.

b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed lid-*driver* f'posizzjoni li, anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "**Il-Pulizija *vs.* Dockyard PC 347 Carmel Mifsud**", Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII, P. IV, p. 859);

(2) "Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subitanea minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija *vs.* Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. XXXIX, P. IV, p. 1031);

(3) "Il-*pedestrian* għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*" – "**Il-Pulizija *vs.* Joseph Formosa**", Appell Kriminali, 4 ta' April, 1959 (Kollez. Vol. XLIII, P. IV, p. 1027);

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li ġie milqut; u ma tistax tiġi invokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emerġenza. Il-konduċenti ta' vetturi ma għandhomx jippreżumu normalità perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċità tagħhom b'marġini suffiċjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija *vs.* George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, p. 947);

Huwa deżumibbli minn dawn il-ġudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konduċent ta' vettura għandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fiċ-ċirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti ieħor li jemerġi minn dawn l-istess ġudikati huwa dak li biex *driver* ta'

vettura jiskansa ruħu minn addebitu ta' ħtija jrid juri li hu ġie rinfaċċjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu.

Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minħabba l-età tagħhom jew għal xi raġuni oħra ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta' perċezzjoni, la dik il-prontezza ta' deċiżjoni, u lanqas dik l-iżveltezza ta' movimenti, li jeħtieġu ċ-ċirkostanzi improvviżi" – "**Il-Pulizija *vs.* Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV. P. 920); .... *Omissis* ....

Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet "**Salvatore Bongailas vs. Joseph Mercieca**", Appell Ċivili, 20 ta' Jannar, 1967, ukoll ċitata mill-appellat, illi "m'hemm ebda presunzjoni li, fil-każ ta' aċċident bejn *motor car* u *pedestrian*, il-*pedestrian* għandu dejjem raġuni". Issokta mbagħad jiġi osservat illi "b'danakollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passaġġ tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juża t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies bħala xi intruż; u filwaqt illi l-*pedestrian* għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emerġenza, minn naħa l-oħra d-*drivers* ta' karozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu għall-*pedestrians* li għandhom ukoll id-dritt li jużaw it-toroq";

Mod jew ieħor din l-istess riflessjoni tinsab ekkeġġjata fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Attard *vs.* John Baldacchino**", Appell Ċivili, 20 ta' Lulju, 1994."

Fis-sottomissjonijiet finali tal-partijiet dawn taw il-verżjoni tagħhom dwar kif suppost seħħ l-inċident u oltre dan, il-konvenut għamel riferiment għal ġurisprudenza dwar l-obbligi tas-sewwieq waqt ir-retromarċja[45] u l-obbligi tal-*pedestrian.*[46]

[45] **Gasan Insurance Agency Limited *noe. vs.* Francis Falzon**, App. Inf. ukoll *per* Imħallef Sciberras*,* 16.12.2002.
[46] **Bongailas *vs.* Merceica,** ibid.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern fid-dawl tat-tagħlim li jitnissel mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, din il-Qorti tikkonkludi li ma kien hemm ebda negliġenza kontributorja daparti tal-attur. L-attur meta ġie biex jaqsam Triq l-Isqof F.S. Caruana, l-Imsida li hija *one way*, ħares lejn in-naħa tat-triq minfejn setgħu jiġu l-vetturi, ma kien ġej xejn minn dik id-direzzjoni u seta' jaqsam. Il-fatt li l-konvenut għamel moviment inkonsult meta rriversja *wrong way*, ġab ukoll lill-attur fl-impossibilità li seta' jantiċipa li f'distanza hekk qasira karozza ser tirriversja għal fuqu kontra d-direzzjoni normali tat-traffiku.

Anki li kieku għas-saħħa tal-argument l-attur ħares lejn iż-żewġ naħat tat-triq qabel ma qasam, meta l-attur kien diġà beda jaqsam it-triq, żgur li ma kellu ebda obbligu li jkompli jħares in-naħa min fejn mhux suppost jiġu vetturi biex jilqa' għall-possibbiltà remota li xi ħadd ifettilu jirriversja kontra d-direzzjoni normali tat-traffiku. Jekk għall-mument ix-xhieda tal-konvenut titqies bħala veritjera meta dan qal li wara li hu rriversja sab lill-attur fuq ix-xellug tiegħu, minn l-irkoppa 'l fuq mixħut fuq il-bankina, dan jindika li l-attur kien kważi wasal in-naħa l-oħra tat-triq u kien tiela' l-bankina meta rriversja fuqu l-konvenut. Jekk din il-verżjoni tal-konvenut għal mument tittieħed bħala veritjera, il-konklużjoni loġika hija li ma kien hemm ebda obbligu jew possibilità ulterjuri ta' *proprer lookout* da parti tal-attur. Anzi l-attur ġie mqiegħed fl-impossibilità li jevita li l-konvenut jinvestih, bil-mod traskurat li l-konvenut għamel ir-retromarċja.

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Muscat *vs.* Ritienne Chircop *et***[47] fejn ingħad is-segwenti dwar ir-retromarċja:

> "Xufier li jkun ser jirriversja l-vettura għandu, qabel jibda jwettaq il-manuvra, jaċċerta ruħu li madwar il-vettura hu *clear*. Għall-Qorti hu evidenti li f'dan il-każ il-konvenuta kienet aljenata. Il-prijorità tagħha kienet li ma titlifx l-ispazju vojt fejn setgħet tipparkja. Fuq bażi ta' probabilità l-għaġġla waslitha biex ma tarax lill-konvenuta qegħda taqsam. Waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta hi li "….. ma wżatx iż-*zebra crossing* biex taqsam it-triq li kienet ċirka erbgħa metri 'l bogħod minn fejn ġara l-inċident". Mill-provi irriżulta li fil-fatt ftit il-metri 'l fuq hemm *pedestrian crossing* (ara ritratt *a fol.* 161). Bla dubju *pedestrian* għandu obbligu li meta jkun ser jaqsam triq, jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u ma jkunx ta' periklu għal ħaddieħor. Però l-fatt li l-attriċi ma qasmitx mill-*pedestrian crossing* ma jfissirx li kienet il-kawża li waslet għall-inċident. Ma jfissirx li għaliex l-attriċi qasmet f'dik il-parti tat-triq wettqet xi att illeċitu. Fil-fehma tal-qorti l-inċident ġara minħabba li l-konvenuta ma ratx dak li kien qiegħed jiġri madwarha qabel u waqt li kienet qegħda tirriversja."

Bl-istess mod, fil-każ quddiem din il-Qorti, jirriżulta fuq bażi ta' probabilità li l-kawża prossima u unika tal-inċident kienet li l-konvenut irriversja b'salt hekk kif sab post ta' parkeġġ vojt u ma rax minn seta' kien hemm qed jaqsam, mhux fil-mument meta għadda u ra post vojt ta' parkeġġ, imma fil-mument li beda jirriversja u waqt li kien qed jirriversja.

**<u>Damnum Emergens</u>**

Illi l-attur esebixxa biss żewġ irċevuti li juru l-ispejjeż li nefaq minħabba dan l-inċident. Dawn jammontaw għal **€130** konsistenti fil-ħlas ta' *medical fees* lill-kirurgu ortopediku Mr Raymond Gatt.

---

[47] P.A., 04.05.2015.

Illi l-attur xehed li għamel seba' xhur bil-ħanut tal-ħaxix magħluq, iżda f'dak il-perjodu l-ħanut kien qed jikrih għal €5 kuljum. Bl-introjtu li kellu mill-ħanut kif ippruvat u kkonfermat mill-*accountant* Richard Saliba ta' €3,381 fl-2012, fis-seba' xhur magħluq kieku kien jagħmel qligħ ta' madwar €1,972 ikkalkulat fuq il-qligħ li kellu fis-sena 2012. Però peress li l-ħanut kien qed jikrih għal €5 kuljum, f'dawk is-seba' xhur suppost li daħħal €1050 bħala kera, u t-telf għalhekk kien ta' **€922**.

Għaldaqstant bħala ***damnum emergens*** l-attur sofra danni ta' **<u>€1,052.00</u> [€130 + €922].**

***<u>Lucrum Cessans</u>***

Illi l-attur li għandu karta tal-identità numru 455763M jirriżulta li fid-data tal-inċident fit-12 ta' Lulju, 2013, kellu 50 sena. It-telf minnu soffert fis-seba' xhur rimanenti tas-sena 2013 diġà ġie kkalkulat bħala *damnum emergens.* Fis-sena 2012 meta l-attur kellu kważi 49 sena, l-introjtu tiegħu bħala qligħ, ċjoè fis-sena ta' qabel l-inċident, kien ta' €3,381. Il-konklużjoni tal-espert mediku bħala rata ta' diżabilità permanenti ta' tnax fil-mija (12%), ma ġietx ikkontestata mill-konvenut. Il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq il-konklużjoni ta' dan l-espert mediku. Dan ir-rapport mediku ta' Mr Jason Zammit jagħti lill-Qorti ċ-ċertezza illi l-attur qed isofri minn diżabilità konsegwenza diretta tal-ġrieħi li sofra fl-inċident inkwistjoni ta' tnax fil-mija (12%).

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali tal-attur is-somma ta' €3,381 li kien l-aħħar introjtu tiegħu ta' sena sħiħa l-aktar viċin ta' meta seħħ l-inċident inkwistjoni.

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perjodu ta' tlettax (13)-il sena, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tat-telf għandha ssir b'dan il-mod: €3,381 x 13 x 12% = €5,275. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* hu ta' **€4,219.49.**

B'kollox l-attur sofra danni ta' **€1,052.00** bħala *damnum emergens* u **€4,219.49** bħala *lucrum cessans,* b'kollox **<u>€5,271.49.</u>**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara lill-konvenut Robert Azzopardi unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Lulju, 2013 fi Triq l-Isqof F. S. Caruana, l-Imsida, fejn ġie mtajjar l-attur Mario Camilleri, u dan**

**minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tal-konvenut;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' ħamest elef, mitejn u wieħed u sebgħin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,271.49);**

**3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata favur l-attur ta' ħamest elef, mitejn u wieħed u sebgħin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,271.49) rappreżentanti d-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi.**

**Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax, li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, kontra l-konvenut.**

Moqrija.